2 ta' Mejju, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Grech *versus* Joseph Caruana

**Retratt — Spejjeż Rimborżabili lir-Retrattarju — Art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min għandu d-dritt jirkupra fond jista' jeżerċita dak id-dritt meta jrid fiż-żmien li tagħtih il-liġi; u għalhekk, meta l-akkwirent ta' dak il-fond kien ittrasferih lil ħadd ieħor fil-waqt li jkun għadu miexi ż-żmien għall-irkupru, ir-retraent jista' jaġixxi kontra min irid miż-żewġ kompraturi, skond il-vantaġġ li jista' jirrikava mill-eżerċizzju tad-dritt tiegħu skond il-liġi.*

*Fost l-ispejjeż li r-retraent huwa obligat jirrifondi lir-retrattarju, biex ikun jista' jobligah jaddivjeni għar-rivendizzjoni, ma jidħlux dawk l-ispejjeż li huwa jkun għamel fl-okkażjoni tat-trasferiment tal-fond li huwa jkun għamel lil ħaddieħor fl-intervall bejn l-akkwist li jkun għamel hu ta' dak il-fond u l-eżerċizzju tar-retratt da parti tar-retraent.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-instant, b'ċedola tat-8 ta' Frar 1951, irkupra mill-poter tal-konvenut parti mill-għalqa "Tal-Lewża" f'Ħal Balzan, u fid-29 ta' Marzu 1951 iddepożita u

rikjesta tal-konvenut, taht protesta, oltre l-ispejjeż leġittimi u l-interessi, anki l-ammont ta' £8, li ma hux dovut, imma pretiż mill-konvenut għall-ispejjeż li l-istess Caruana kien għamel meta ttrasferixxa l-istess fond lil Antonio Borg qabel l-irkupru ta' l-instanti; jiġi dikjarat u deċiż illi l-ammont ta' £8 fuq imsemmi ma jikkostitwix spiża leġittima fis-sens ta' l-art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta: u l-konvenut in konsegwenza jiġi kundannat iħallas dan l-ammont li huwa żbanka fl-att tar-rivendizzjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-konvenut, fil-21 ta' Settembru 1950, kien akkwista minn għand terza persuna li mhix fil-kawża l-għalqa "Tal-Lewża", sitwata f'Hal Balzan, u li fuqha mhux in kontestazzjoni li l-attur kellu d-dritt ta' l-irkupru. Qabel ma l-attur mexxa l-irkupru tiegħu, il-konvenut ittrasferixxa dik l-istess għalqa lil ċertu Antonio Borg; f'liema okkażjoni ħareġ £8 bħala parti mill-ispejjeż tat-tieni trasferiment. Fit-8 ta' Frar 1951 l-attur irkupra minn għand il-konvenut l-għalqa in kwistjoni "intra tempus concessum": u fid-29 ta' Marzu 1951, b'ċedola numru 302 tad-29 ta' Marzu 1951, iddepożita, oltre l-ispejjeż leġittimi u l-imgħaxijiet, anki l-ammont ta' £8, bi protesta, li l-konvenut kien qiegħed jippretendi għall-ispejjeż li huwa kien għamel meta ttrasferixxa l-istess fond lil Antonio Borg qabel l-irkupru ta' l-attur;

Illi l-kawża tivverti fuq il-pont jekk dawk it-£8 għandhomx jew le jiġu rifużi mill-konvenut, u ċjoè jekk l-istess jistgħux mill-kumpratur retrattarju jiġu pretiżi minn għand ir-retraent barra l-ispejjeż leġittimi konnessi mar-retratt minnu miġjub 'il quddiem;

Illi l-azzjoni ta' retratt hija ta' natura personali. Tabilhaqq, in kwantu l-kumpratur ikun obligat personalment, l-azzjoni hija personali; in kwantu li jkun suġġett għall-adempiment ta' dik l-obligazzjoni, l-azzjoni hija reali. Il-proprjetà tal-fond, li tgħaddi fil-kumpratur, tiġi hekk trasferita bil-piż tar-retratt, b'mod li dan l-aħħar imsemmi ma jistax jittrasferiha lil terzi persuni mingħajr dak il-piż, il-għaliex "nemo plus juris ad alium transferre potest quam ipse haberet" (L. 154 ff. "de Regulis Juris");

Illi in vista ta' dana l-karattru tar-retratt, min għandu d-dritt ta' l-irkupru għandu d-dritt li jeżerċitah fiż-żmien li tagħti l-liġi, kontra min irid mill-kumpraturi skond il-vantaġġ li jidhirlu li jista' jagħmel mill-eżerċizzju tad-dritt tiegħu skond l-istess liġi. Fil-każ in diżamina r-retratt ġie eżerċitat mill-attur kontra l-ewwel kumpratur, u ċjoè il-konvenut; u kwindi għandu d-dritt jidħol fil-libsa tiegħu, u mhux altrimenti;

Illi skond l-art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Ediz. Riv., ir-retraent huwa tenut jirrimborża lir-retrattarju:—(1) Il-prezz tal-bejgħ tal-ħaġa li tkun ħolqot id-dritt fuq imsemmi; (2) Kwalunkwe spiża leġittima li tkun ġiet minfuqa fl-okkażjoni ta' dak il-bejgħ; kif ukoll (3) L-ispejjeż neċessarji u utili li jkunu saru mill-istess kumpratur, jew minn kwalunkwe possessur ieħor, anki jekk għal kwalsijasi kawża, li għaliha sew ir-retrattarju sew kwalunkwe preċedent possessur ma jkunx responsabili, ma jibqax l-effett ta' dawk l-ispejjeż; u dan apparti dak li jingħad fl-art. 1494 u 1495 ta' l-istess Kodiċi, li ma huwiex ta' interess għall-kawża preżenti;

Illi dwar l-ewwel u t-tieni ħtieġ fuq imsemmi ma hemmx dubju li s-somma in diskussjoni ma tidħolx taħthom, għal raġunijiet ċari fl-ewwel każ, u għal motivi altrettantu kjari fit-tieni każ; il-għaliex dawk it-£8 ma ġewx minfuqa u żborżati fl-okkażjoni tal-bejgħ (dak il-bejgħ) li ta lok għar-retratt, in kwantu li l-attur qiegħed jirkupra in forza ta' l-ewwel bejgħ u dik is-somma ġiet maħruġa fit-tieni bejgħ. Lanqas ma jidher li dik l-istess somma tista' tiġi mdaħħla taħt it-tielet obligu tar-retraent; il-għaliex l-istess somma ma tikkostitwix spiża neċessarja, u kumulativament jew simultaneament utili fil-ħaġa retratta. Fil-verità dik l-ispiża ta' £8 kienet il-konsegwenza tal-fatt li l-konvenut ittrasferixxa l-fond lil ħadd ieħor, meta kien għadu miexi ż-żmien għall-eżerċizzju tar-retratt li kellu l-attur fuq il-fond—kif kellu dritt jagħmel—imma, kif ma setax ma jkunx jaf li qiegħed jagħmel, bil-piż li għidna; liema riskju huwa seta' jieħu u ħa, imma li għalih ma għandux jirrispondi l-attur, li "res adhuc integra" seta' jeżerċita d-dritt tiegħu;

Illi kwindi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, il-konvenut ma kellux fost l-ispejjeż leġittimi jdaħħal is-somma ta' £8 imsemmija;

Illi l-fatt li l-attur iddepożita t-£8 imsemmija bi protesta, u li dawk ġew żbankati mill-konvenut, ma jinnewtralizzax lill-attur li jitlob ir-rifużjoni tagħhom; il-għaliex il-protesta kienet turi biċ-ċar l-espressjoni kuntrarja għall-pretensjoni tal-konvenut;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, billi tiddikjara s-somma ta' £8 fuq imsemmija ma kienetx tikkostitwixxi spiża leġittima skond l-art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili; u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ireġġagħha lura; bl-ispejjeż għall-konvenut.